**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 139/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Omar Djelassi**

Illum, 28 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Omar Djelassi, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 99097(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fis-16 ta' Diċembru 2020 bejn is-02:30hrs u 03:00hrs ġewwa Triq il-Vittorja, l-Isla, ġewwa l-Gżejjer Maltin:

1. Volontarjament ta nar lil vettura bil-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni RDN021 tal-għamla Fiat Punto għad-detriment ta' Jessica Zammit, Joan Genovese u/jew ta' persuni oħra, filwaqt li l-ħruq qabbad vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBR564 tal-għamla Kia għad-detriment ta' Victor Caruana kif ukoll ikkaġuna ħsara fuq ir-residenza 36, 'Missing', Triq il-Vittorja, fl-Isla, għad-dannu ta' Darin Brincat u liema nar setgħa qabbad bini ieħor, għarix jew lok ieħor fejn f'dak il-waqt kien hemm ġewwa xi persuni;

2. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkommetta ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe' għamel ħsara volontarja fuq l-vetturi u bini hawn fuq imsemmija, liema ħsara tiskorri il-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) għad-dannu ta' Jessica Zammit, Joan Genovese, Victor Caruana u Darin Brincat u/jew persuni oħra;
3. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, mogħtija mill-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech LL.D nhar it-18 ta' Ġunju 2020, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;
4. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 10 ta' Settembru 2020 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Caroline Farruġia Frendo LL.D. li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Settembru 2024, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx ħtija għar-reat taħt l-artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali addebitat fit-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 28B, 317(a)(i)(ii) u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Omar Djelassi ħati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u kkundanatu għal ħames (5) snin priġunerija effettiva. *In oltre*, għall-fini tal-artikolu 28B tal-Kaptiolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li s-sentenza li ngħatat fit-18 ta' Ġunju 2020 mill-Qorti diversament preseduta fil-konfront tal-ħati, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Hubert Cini) v. Omar Djelassi, fejn ġie kkundannat sentejn priġunerija, tidħol fis-seħħ. Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat ukoll lill-ħati Omar Djelassi għall-ħlas lir-Reġistratur tal-Qorti, tas-somma totali ta' erbat elef erba' mija u erbgħa u sebgħin Euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€4,474.83) rappreżentanti parti mill-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, fi żmien sentejn mid-data tas-sentenza. Għall-fini tal-

artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lill-ħati Omar Djelassi jħallas lil Jessica Zammit u Joan Genovese *in solidum*, is-somma ta' elf u tliet mitt Euro (€1,300), lil Victor Caruana is-somma ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) u lil Darren Brincat is-somma ta' ħamest elef u ħames mitt Euro (€5,500), ilkoll in linea ta' kumpens għat-telf subit minnhom, rispettivament, b'riżultat tal-kommissjoni tar-reati li dwarhom qed jinstab ħati, liema ħlas, b'kollox tmint elef u tliet mitt Euro (€8,300) liema ħlas għandu jsir f'kull każ sa mhux iktar tard minn sitt (6) xhur. Il-Qorti ordnat wkoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Jessica Zammit u Joan Genovese għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien tliet (3) snin, liema żmien għandu jibda jiddekorri kif tiġi skontata l-piena ta' priġunerija. Ordnat wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin biex jingħata trattament biex jindirizza u jegħleb il-vizzju u d-dipendenza fuq id-droga kif ukoll sabiex jingħata trattament psikoloġiku għall-kundizzjoni ta' attention defecit hyperactive disorder (ADHD).

Rat ir-rikors tal-appellant Omar Djelassi, ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabitu mhux ħati u tħassarha, tirrevokaha u tannulla fejn il-Qorti sabitu ħati tal-imputazzjoni kif ndikati fis-sentenza u minnha tilliberah skond il-liġi. *In subsidum*, f'każ li l-Qorti ssib ħtija fil-konfront tiegħu, jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha timmodifika l-istess sentenza appellata in kwantu għall-piena, billi tinfliġġi piena/multa inqas minn dik imposta u sproporzjonata u dan ai finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 6 ta' Diċembru 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aggravju ewlieni imqanqal mill-appellant huwa jikkritika l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti fejn jilmenta illi s-sejbien ta' ħtija kien imsejjes fuq fatti inċerti li kellhom jimmilitaw favurih fejn fost oħrajn anke l-identità tal-persuna li kienet qed tagħmel it-telefonati u ukoll li kienet qed ittella kliem ta' theddid fuq is-sit soċjali tal-*Facebook* baqa' mhux magħruf. Illi mbagħad il-provi indizzjarji li emerġew mill-provi ma kenux tali li jippuntaw f'direzzjoni waħda bil-lokaliżazzjoni tat-telefon ċellulari ukoll ma hijiex waħda li kienet tindika illi kien l-appellant li kien qed jagħmel użu min-numru taċ-ċellulari li abbażi tiegħu l-pulizija wasslu għal persuna tiegħu.

Illi, l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'pożizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġonevolment u legalment validu[1].

Illi, nhar is-16 ta' Diċembru 2020, għall-ħabta ta' 02:50hrs, il-Pulizija ġiet infurmata illi fi Triq il-Vitorja, l-Isla, senjatament fejn il-każin tal-*Labour Party*, kien hemm vettura li kienet qiegħda tieħu n-nar. Din kienet tal-għamla Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni RDN-021. Kaġun ta' dan in-nirien, ħadet in-nar ukoll vettura tal-għamla Kia Picanto, bin-numru ta' reġistrazzjoni DBR-564, kif ukoll il-faċċata tar-residenza bin-numru 36 bl-isem "*Missing*" ġewwa Triq il-Vitorja li ġarrbet ħsarat konsiderevoli b'konsegwenza ta' l-istess nirien.

Illi, meta waslet fuq il-post sid il-vettura tal-għamla *Fiat Punto,* Jessica Zammit, flimkien ma' ommha Joan Genovese, stqarret mal-pulizija illi kienet ipparkjat il-vettura f'dak il-post lejliet, ċioe' fil-15 ta' Diċembru 2020 għall-ħabta tat-14:50hrs. Mistoqsija jekk kellhomx suspett f'min seta' ta n-nar lill-vettura, iż-żewġ nisa jippuntaw fid-direzzjoni ta'l-eks sieħeb ta' Zammit, u ċioe' l-appellant Omar Djelassi,

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

li għandhom wild in komuni. Huma kellhom dan is-suspett għaliex fil-passat, l-appellant kien hedded lil Zammit li kien ser jaħarqilha l-vettura, tant illi hija kienet għamlet diversi rapporti lill-Pulizija fir-rigward ta' dan it-theddid. Zammit ikkonfermat ukoll mal-pulizija li kien hemm Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront tal-appellant u li minkejja dan, baqgħet tara lill-appellant diversi drabi ħdejn il-post tax-xogħol tagħha, kif ukoll ħdejn ir-residenza tagħha.

Illi, mill-filmati tal-kameras tas-sigurtà (*CCTVs)* elevati mill-akwati fejn seħħ is-sinistru, jirriżulta li ftit minuti qabel ma ħadet in-nar il-vettura, dehret persuna mhux identifikabbli miexja fl-imsemmija triq. Ftit minuti wara dehret il-*flash* tan-nirien u reġgħet dehret l-istess persuna, din id-darba nieżla tiġri mill-istess triq u tibqa' ħierġa minn l-Isla. *In oltre*, mill-eżerċizzju ta' *localisation* li saret fir-rigward tan-numru taċ-ċellulari tal-appellant, 99297951, irriżulta li fil-ħin tal-ħruq, l-istess appellant kien qiegħed ġewwa l-Isla. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-Espert Keith Cutajar. Irriżulta ukoll li apparti *localisations* appena msemmija, kienet intalbet ukoll *engineering data* li minnha irriżulta li fil-fatt l-appellant kien propju qiegħed fit-toroq fejn seħħ is-sinistru fil-ħin meta l-vettura tal-parti offiża ngħatat in-nar.

Illi, sussegwentement l-appellant ġie arrestat u rrilaxxa stqarrija nhar il-11 ta' Marzu 2021, fejn innega l-involviment tiegħu f'dan il-każ.

Illi, fil-mori tal-proċeduri, l-Espert tal-Kimika Dr Daniel Vella ikkonkluda li n-nar li qered il-vettura tal-parti offiża "**kien wieħed li tkebbes b'mod intenzjonali u doluz**". *In oltre*, Dr Mario Buttigieg li tqabbad bħala espert tal-Qorti sabiex jikkwantifika il-ħsara li saret fuq il-vettura Kia bin-numru ta' reġistrazzjoni DBR 564 u l-vettura tal-għamla Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni RDN 021, xehed li dawn il-vetturi ġew distrutti totalment u li l-valur tal-Kia kien bejn €1800 u €2000, filwaqt li dak tal-Fiat Punto kien ta' €1500.

Illi, Victor Caruana, sid il-vettura l-oħra li ukoll ħadet in-nar f'dan l-inċident xehed quddiem l-Ewwel Qorti fejn stqarr li fl-inċident *de quo* kienet inħarqet il-vettura li kienet ipparkeġġjata wara l-vettura tiegħu u b'konsegwenza, kienet ħadet in-nar tiegħu wkoll. Illi, ukoll, Darren Brincat, sid ir-residenza li ukoll inħakmet min-nirien, xehed quddiem l-Ewwel Qorti fejn stqarr li dakinhar tal-inċident kien rieqed u sema'

ħoss u ħasibha ħabta bejn xi vetturi. Meta ttawwal mill-gallarija nnota "**ballun nar**" mal-faċċata tad-dar tiegħu. Kien hemmhekk li irrealiżża li kien hemm żewġ vetturi qegħdin jieħdu n-nar. Huwa ppreżenta stima tal-ħsarat subiti fir-residenza tiegħu, li jammontaw għal €14,160.00.

Illi, Joan Genovese xehdet quddiem l-Ewwel Qorti fejn stqarret li għalkemm il-vettura kienet xtratha hi u kienet fuq isimha, kienet bintha Jessica li kienet tagħmel użu mill-istess. Xehdet li mal-ewwel nibet fiha is-suspett li ma kien ħadd ħlief l-appellant li kien ħaraq din l-vettura u li din ma kienitx l-ewwel darba li sabet ħsarat fuq l-istess vettura, fosthom daqqa ta' ponn u mirja mqaċċta. Tirrakkonta episodju li seħħ f'Awwissu 2020, fejn l-appellant kien ċemplilha u qalilha sabiex tmur tiċċekja l-karozza u meta marret sabet il-*bonnet* tal-istess kollu *spray* iswed. Xehdet li kienu ressqu diversi rapporti kontra l-appellant mal-Pulizija. Stqarret ukoll li wara l-inċident odjern, ċioe' fis-7 ta' Jannar 2021 irċeviet theddid fuq *Facebook Messenger* minn profili differenti. Tgħid li taf li kien l-appellant għax wara l-inċident kienet qed tinqeda b'vettura oħra u meta marret twassal lin-neputija għandu, kien osservaha isuq din il-vettura u ftit wara kienet irċeviet messaġġ li kien jgħid "**Mela ara ġibt karozza ġdida, issa ħa naħraq il-faċċatta tat-tifla tiegħek kif jifdalli naqra fuel naħraqlek din il-karozza ukoll**". Hija ezebiet kopja ta' dawn il-messaġġi li kienu emanew minn tlett profili fil-pjattaforma tal-*Facebook* bl-ismijiet "Haha Huhu", "Jane Cassar" u "Ġej Għalik".

Illi, Jessica Zammit xehdet wara li kienet infurmata li l-vettura tagħha kienet ħadet in-nar, mal-ewwel issuspettat fl-appellant, li miegħu għandha tifla, u dan għaliex minn Awissu ta' dik is-sena kienu bdew il-problemi bejniethom. Tgħid li wara li l-appellant kien ra ritratt ta' bintha magħha u mal-*partner* tagħha, huwa kien beda jheddidha:–

> "**Li ħa jifqani bil-karozza, ħa jgħollina, ħa jitla fuq ix-xogħol tal-partner tiegħi u ħa jgħollih bil-karozza, l-istess theddid tas-soltu. Il-ħin kollu jhedded u lili jqabbadni biza' kbira għax li jgħid jagħmlu, li kgħid jagħmlu**".

Xehdet ukoll li fit-30 ta' April 2019, kien heddidha li kien ser imur fuq il-post tax-xogħol tagħha "**biex ikaxkarni**" u filfatt kien sabha fuq il-post tax-xogħol u werwer

lil kull min kien hemm preżenti. Stqarret ukoll li f'Awwissu 2019 l-appellant kien daħal il-ħabs talli sprejalhom il-vettura tagħhom bi *spray* iswed. Ikkonfermat ukoll il-messaġġi ta' theddid li rċevew fuq *Facebook Messenger*, u li ġew eżebiti in atti. Fl-aħħarnett, Zammit ipproduċiet ukoll kopja tal-*Protection Order* li kien inħareġ kontra l-appellant nhar l-10 ta' Settembru 2020.

**Ikkunsidrat:**

Illi, huwa indubitat f'dan il-każ li ma hemm ebda prova diretta li torbot lill-appellant mal-kummissjoni tar-reati li dwarhom instab ħati. Illi, madanakollu l-Prosekuzzjoni ressqet numru ta' provi indizzjarji li l-Ewwel Qorti straħet fuqhom sabiex issib il-ħtija. Ġie kostantament ritenut illi l-provi indizzjarji jassumu rwol importanti ħafna, iżda, bħal kull prova indiretta oħra, jridu jkunu tali li jwasslu għall-konkluzzjoni univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda, u li biha l-ġudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubbju dedatt mir-raġuni mill-ħtija jew responsabbiltà kriminali tal-imputat jew akkużat

Illi, l-ġurista Ingliz C.B. Pollock jitfa' dawl fuq il-kunċett tal-provi ndizzjarji billi jgħid hekk kif isegwi –

> ***'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of… (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).***

Illi, mill-provi prodotti, senjatament mill-*localisations* u mill-*engineering data*, irriżulta primarjament li l-appellant kien fil-lok fejn seħħ ir-reat fl-istess ħin li l-vettura tal-parti offiża ingħatat in-nar. L-appellant jipprova jgħid li n-numru li fuqu nħadmet din d-

*data*, u ċioe' 99297951, ma kienx in-numru tat-telefon ċellulari tiegħu, hekk kif jisħaq ukoll fl-istqarrija tiegħu. Illi jirriżulta madanakollu illi dan in-numru kien ġie mgħoddi lill-investigaturi minn omm l-appellant stess fejn kien ġie lilhom indikat li dan in-numru kien jappartjeni lill-appellant. Dan in-ness bejn in-numru taċ-ċellulari 99297951 u l-appellant huwa imsaħħaħ minn rapport li kien sar minn terza persuna bl-isem ta' Ivan Borg, dwar kollizzjoni li seħħet fejn kien involut l-appellant żmien qabel l-inċident mertu ta' dan il-każ. F'dan ir-rapport bin-numru 4/G/2716/2020 hemm imniżżel li l-appellant kien għadda lill-Pulizija n-numru 99297951 bħala in-numru taċ-ċellulari tiegħu. Dan huwa korroborat mix-xhieda ta' Ivan Borg stess li stqarr li kien l-appellant innifsu li tah dan in-numru. Igħid hekk:–

"**Hu ċempilli biex inkun ċert li qed naqbdu**".

Dan il-fatt huwa kkorroborat ukoll mix-xhieda ta' PC 381 Jonathan Farrugia li xehed li huwa kien ċempel lill-appellant fuq dan in-numru in konnessjoni ma' dan l-inċident li kien seħħ fejn kien involut Ivan Borg, u kien l-appellant li kien wieġeb din it-telefonata u kellmu. Fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-pulizija, meta l-appellant ġie rinfaċċjat b'dawn il-provi, ma setgħax jagħti spjegazzjoni għall-istess. Baqa' jsostni li n-numru kien familjari għalih iżda ma kienx tiegħu u lanqas kien jaf lil min jappartjeni. Il-Qorti ftit li xejn tista' tagħti kredibbilita' lill-appellant meta hemm provi b'saħħithom fl-atti li jindikaw li dan in-numru kien jagħmel użu minnu hu, u li dan in-numru inqabad lokalizzat fl-inħawi fejn seħħ l-inċendju fl-istess jum u ħin.

Illi, imbagħad wara li seħħ l-inċident mertu tal-każ kemm Joan Genovese kif ukoll Jessica Zammit jikkontendu li rċevew kliem ta' theddid minn għand l-appellant, fejn huwa ammetta li kien la-wtur ta' dan il-ħruq doluż. Jirrizulta ukoll li preċedenti għal dan il-każ l-appellant kien diġa' hedded diversi drabi lil Zammit u lil ommha li kien ser jaħraqilha l-karozza. Kien hemm ukoll inċident fejn l-appellant kien uża *spray* ta' lewn iswed fuq il-vettura tal-parti offiża, għal liema reat huwa kien ukoll instab ħati u ssentenzjat. Għalhekk ċertament li dan il-każ ma kienx l-ewwel wieħed fejn l-appellant kien għamel ħsara lill-propjetà tal-parti offiża. *In oltre*, din l-Qorti tkompli tkun moralment konvinta mill-ħtija tal-appellant fid-dawl tat-theddid li sar kif ingħad mill-appellant fil-konfront tal-parti offiża u li hu eżebit in atti. Illi l-messaġġi li

għandhom ton inkriminatorju kienu indikati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, iżda huma rilevanti ferm is-segwenti messaġġi li meta abbinati mal-provi ċirkostanzjali l-oħra ma jħallu ebda dubbju dwar ir-reita' fl-appellant.

Illi, nhar is-7 ta' Jannar 2021, il-parti offiża rċeviet messaġġi ta' theddid mill-profil bl-isem "*Haha Huhu*". Fl-15:45 irċeviet messagg li kien jgħid:-

> "**Int ma tric tisma Uxx tħalijni kwiet il mort ftahtli kazz ihor ml lahhar dahba harqulkom il karozza u ilum il faccata Issa oqod al kwiet if xol u ilejla ha tihu qatta ikbar mili hadet ommok ax bla dar ha tispica forsi tkun go fija ma tafx kif ha najdek Kemm titkesah lilek u mil aktar fis hali jk tamel raport nilhaq inkun stirajt avolja ga strihajt ax il karozza ta ommok hadet in nar hahha ajdila dal messag il ghaziza bintek**".

Ukoll fil-16:40 irċeviet messaġġ li kien jgħid:-

> "**Ha nibatlek lahhar messag u niqaf aw namel dak li Andi namel aktar tard nispera li mux tohduwa phala bla fax tal karozza ma konc at niblalafija u anka tal lum jin kont waqaft Imma intom ma ritux nispera li wasaltula il messag lil bintek**".

Fil-16:42 irċeviet messaġġ ieħor jgħid –

> "**Ilum norikom Kemm vera limginen Edin bara u mux frankuni adek ma tafx ma min st titnejku intom bintek ridet ak mhux ahna**".

Kif ukoll fis-17:55 messaġġ ieħor li jgħid –

> "**Ahna ridnija tiqaf aw u bintek amlet ta rassa la tlift il pleg nitilfu al xi haga**".

Illi, intbagħtu ukoll diversi messaġġi lill-parti offiża mill-profil bl-isem ta' "*Jane Cassar*". Jirrizulta mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija, senjatament wara verifiċi li saru mal-pjattaforma soċjali tal-*Facebook,* illi dan il-profil huwa rreġistrat fuq l-*email address* *omardjelassi487@gmail.com*. Illi, nhar id-9 ta' Jannar 2021, fis-01:02, il-parti offiża rċeviet messaġġ li jgħid:

**"Daqt ha nigi jin minalik li ma gara xjn isma mini u ohorgu min em ax storja tinkitep ha namel kif ma emx it tifla ha norik lijlek ta U Issa zobbi nux tiraporta e bilhaq sabiha il karozza ta ommok il gdida jk jifdal petrol nahsilila naqa ukoll mux al faccata biss mux ek naraw min aw u ftit ihor jien. Issa tista tamel rapport ax dak li andi namel ha nilhaq namlu nikol u nigi bil mod jin"**.

Fl-istess ġurnata fl-15:52 rċeviet messaġġ li kien jgħid:

**"Illum taraw kemm jin ragel u bili ha tamel ir raporti al Xjn ax min jin ma tafux il faccata ma nistax ghax ha ikunem it tifla imma il karozza tijak nista ta serah mohok hali thalu in nies kwieti. Il habs ma iwerwirx nies so jekk tmur tamel raport ma tamilix differenza dan phal tal karozza ax bara adni nigri. Ma irnexilkomx din I'd dalba titfani gewwa"**.

Illi, l-għada, fl-10 ta' Jannar 2021, fil-23:28, il-parte ċivile rċeviet messaġġ li jgħid:

**"Din id dalba mux ha jirnexilkom titfawni gewwa kurnuti kollkom"**.

Ukoll, fil-11 ta' Jannar fl-15:57 il-parte ċivile rċeviet messaġġ li kien jgħid

**"Ilim lahhar li ha nibatilkom ax ilum nahxijilek il karozza kif hxejtlek lohra u ilum lahhar cans li andi nahliflek fuq familti kolla li llum nahxijielek il karozza kif hxejtlek il punto ax ilum lahar darba li ha nevita mili imur nintaqa mal puluzija igifieri prepara al karozza ohra"**.

Nhar it-12 ta' Jannar fin-00:31, messaġġ ieħor bil-kliem

**"Aw ijad I'd dar ala bat il puluzija hahhha il puluzija gew u telqu u jin barra adni u bara ha nipqaaa dawk cwic jin kont adni kif wasalt hahahah ostja hahahah ilejla norik lijlek"**.

Messaġġ ieħor dakinhar fis-00:45 li kien jgħid

**"Ara Kemm intom ta dahq Issa nibat il dak li haraqlek lohra filkas u jin nipqa aw rlx I'd dar riqed np aw ha nipqa din id dalba uzajt mohhi u int lassa mort tajd dawk injorant daqsrkk u naqa iktar minnek"**.

Il-parti offiża rċeviet messaġġ ieħor dakinhar fis-14:24 li kien jgħid:

> "**Ilum gurnata Kolla warak ha nkun u lewwel cans li insib daqa ta karozza intik mux ha namel lizball tal birah il birah ma stajc Imma dw taf li mux blaf ax meta etlek li nahraqlek il karozza hraqtilek u listess din id dalba dw kollox bilmod**".

Ukoll, irċeviet messaġġ ieħor aktar tard fis-18:23 li kien jgħid

> "**Daqt nigi ta dw daqt tilqa it tifla ilum naqtalek in nejk lijlek u il bintek**".

Dakinhar ukoll fis-19:05 il-parti offiża rċeviet messaġġ ieħor li kien jgħid

> "**It tifla telqet u jin nista nahdem ahjar daqt tkun hdejkom it tifla Issa meta inkun kondu nigi jin**".

Kif ukoll ieħor fid-20:43 li kien jgħid

> "**Ha nibatlek lahhar messagg u nitla lejd I'd dar jekk at tahseb li at niblafja kompli ahseb ek Imma kif hraqnijlek lohra naharqu din u l-ohrq mux mil lum al Ada kollox bilmod jih ha nhassar dan il fb u daqssekk ha nibatlek Issa ha nihu lazjoni u il galarija alaqa kiku minek caw u tista tmur lassa jin tila lejn I'd dar bilmod Imma ilejla nerga ninzel u jekk zgur narak jin u naf li mux btijak eda ta haha etkek li warajk ha inkun Isma jekk ha tajdilom jistu ihalu kwarta u jitilaw u bilhaq ma jistawx ax bla provi hahah Gn**".

Illi, ukoll il-parti offiża rċeviet messaġġ ieħor mill-profil bl-isem "Gej Ghalik" nhar it-12 ta' Jannar 2021 fl-22:22 li kien jgħid:

> "**Jaqbilek tahsiba qabel ma tamel xi raport ihor ax armaa Andi u lijlek nehles ukoll ax dejaqtuwli zobbi alek alxjn ta Ara Kemm uma tan nejk jitilaw iduru dawra u jergu jitilqu hhahhahag u li ma jafux li jien ga hrigt min go dar. Ilni najdlwk li din id dalba mux ha titfani il habs**".

Illi, minn dawn il-messaġġi jidher biċ-ċar li ma huwa ħadd ħlief l-appellant li qed jibgħat dan il-kliem ta' theddid minn profil li kien stabbilit li kien jagħmel użu minnu hu. Inoltre id-dettalji kontenuti f'dawn il-messaġġi fosthom referenzi għat-tifla u għall-fatt li xi darba il-parti offiża "*tefgħatu*" l-ħabs ilkoll jippuntaw direttament lejn l-

appellant. Apparti t-ton vjolenti u aggressiv ta' dawn il-messaġġi jirrizulta ċar ukoll li kien l-appellant li ta in-nar lill-vettura tal-parti offiża, hekk kif jiftaħar li għamel diversi drabi fil-messaġġi tiegħu.

Illi, dan kollu, magħdud mal-provi l-oħra tal-*localisations*, *engineering data* u l-filmati tas-*CCTV footage* flimkien mal-motiv evidenti li kellu l-appellant lkoll jippuntaw lejn direzzjoni univoka, u ċioe' li l-malvivent wara r-reati odjerni kien propju l-appellant u ħadd aktar. Illi l-Ewwel Qorti eżaminat minizzjożament l-evidenza kollha kkumpilata u din il-Qorti taderixxi ruħha mal-konsiderazzjonijiet hemmhekk magħmula u għalhekk tqis illi d-deċiżjoni ta' ħtija kienet waħda legalment u raġonevolment b'saħħitha. Jikkonsegwi għalhekk illi l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, għalkemm l-appellant jitlob temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' ħames snin priġunerija, madanakollu ma jressaqx aggravju *ad hoc* u ma jindikax xi motiv li qiegħed iwasslu iressaq din it-talba. Ma hux mistenni minn din il-Qorti li toqgħod tfittex hija stess xi motiv li abbażi tiegħu l-appellant jilmenta li l-piena hija waħda esaġerata, iktar u iktar meta din hija fil-parametri prospettati fil-liġi. Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[2] .

Illi, dina l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ir-rapport mħejji mill-Uffiċjal tal-*Probation* Gabriella James datat 05 ta' Diċembru 2024 fejn tistqarr li llum-il ġurnata, l-appellant wera kambjament pożittiv u għandu l-motivazzjoni sabiex jimxi l-quddiem f'ħajtu.

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

Tgħid li issa qed jgħix ħajja stabbli, li għandu impjieg li mhux irreġistrat, li għandu ħajja familjari stabbli u li għadu qed jiġi ssorveljat minn diversi professjonisti.

Illi, dan magħdud, madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora in-natura gravi tar-reati kommessi mill-appellant, kif lanqas tista' tinjora il-fedina penali tiegħu fejn kien hemm ripetizzjoni ta' diversi offiżi diretti lejn l-ex sieħba tiegħu u ommha. Illi allura meta tiġi għal erogazzjoni tal-piena il-Qorti trid mhux biss tqis l-aspett reformattiv tal-ħati, iżda ukoll dak ta' deterrent li jżomm lill-ġudikabbli milli jkompli jagħmel ħsara lill-vittmi tiegħu. Magħdud dan kollu, għalhekk din l-Qorti ma ssib l-ebda raġuni -li jista' jwassal tvarja l-piena mposta fuq l-appellant.

Jingħad biss illi l-appellant għandu raġun madanakollu meta ġibed l-attenzjoni tal-Qorti illi s-sentenza sospiża ta' sentejn priġunerija imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-18 ta' Ġunju 2020, kienet diġà nġiebet fis-seħħ meta huwa kien ġie iddenunjzat mill-Uffiċjal tal-*Probation*, liema sentenza kienet ikkonfermata minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tas-17 ta' Ġunju 2021. Illi dan il-fatt huwa rifless mhux biss fil-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita quddiemha, iżda l-Qorti ħadet avviż ġudizzjarju ta' din is-sentenza sabiex b'hekk l-appellant ma jistax jkun kkundannat għat-tieni darba fir-rigward ta' dan il-ksur.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma is-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali l-Ewwel Qorti ittrattat mal-ħati għal ksur ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati fit-18 ta' Ġunju 2020 fejn ġabet fis-seħħ il-perijodu ta' sentejn priġunerija, billi din is-sentenza kienet diġà nġiebet fis-seħħ b'sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Ġunju 2021, u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**